Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 480/2015

Il-Pulizja

Spettur Hubert Cini

Vs

John Pace

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Pace detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 593463M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) F' Malta bejn il- 21 ta' Awwissu 2014 u 25 ta' Settembru 2014 f' diversi hinijiet tajt fastidju lil mara tieghek Maria Dolores Pace u dan bi ksur tal-Artikli 251 A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

2) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, talli ikkaguna lil Maria Dolores Pace biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikli 251 B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

3) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ikkaguna lil Maria Dolores Pace allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' l-istess Maria Dolores Pace dan bi ksur tal-Artikli 251 BA tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

4) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ingurja u hedded lil Maria Dolores Pace mhux mod iehor imsemmi fil-Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 339 (e) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

5) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal- Artiklu 49 (a) u (c) tal- Kap 399 tal- Ligijiet ta' Malta

6) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, uza xi network jew apparat ta' komunikazzjoniet elettronici fornut minn intrapriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b' mod mhux kif imiss bi ksur tal-artikli 48 (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta

7) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, m' obdiex ordnijiet legittimi tal-awtorita' (Pulizija ta' Malta) jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b' xi mod iehor li jkun , kemm-il darba din id-disubbidjenza jew indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal- Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 338 (ee) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49,50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil John Pace u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l- Artikoli 17, 18, 31, 251A(1)(2)(4), 251B(1)(2), 251BA(1)(a)(b)(2)(3)(5) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu hmistax (15) –il xahar prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u konsegwentement illiberatu minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti jhallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija disgha u disghin ewro u disghin centezmu (€399.90) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Maria Dolores Pace u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, izzom ferm u tikkonferma l-liberazzjoni teighu fil-konfront tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet u li thassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza u tilliberah minn kull thija jew piena ai termini tal-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Pace huma s-segwenti w cioe':-

4. Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwent u cioe':

a. illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ma lahqitx l-grad tal-prova li hija rikjesta minnha ai termini tal-ligi.

Mill-evidenza anzi jidher car li tenut kont tal-fatt li l-esponenti cahad kategorikament dak li gie imputat lilu sia a tempo vergine kif ukoll sussegwentement fuq il-pedana tax-xhieda. L-esponenti gie fic-cirkostanzi fejn spicca li huwa xhud wahdu sabiex jipprotesta l-innocenza tieghu. Di fatti l-imsemmija Qorti tghdi "Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-kwerelanti mhux biss ghaliex tali verzjoni giet korroborata minn dak li xehdu bintha u Mark Portanier imma anki ghaliex il-komportament taghha fuq il-pedana indika li kienet qed tghid il-verita' minghajr ma tindika ghala ma ghandiex temmen lilu. Sar gudizzju evidentement fuq il-komportament pero' dan ma jsegwix necessarjament il-fatti. Il-gudizzji umani jitlobu li jigu korroborati mhux biss minn xhieda li ghandhom 'interess' dirett fil-posizzjoni izda minn provi diretti jew indiretti li hawn ma rrizultawx.

L-esponenti umlment jissottometti li mill-analizi li saret ma kien hemm ebda punt indikat fis-sentenza li juri ghala huwa ma ghandux jigi emnut fid-depozizzjoni tieghu. Iktar u iktar meta huwa sab ruhu wahdu irid jwiegeb ghal dak li qalu tliet kif ukoll ghax hemm massima legali li tghid li meta jkun hemm konflitt fil-prova meta jkun hemm dubbju dan ghandu jimmilita favor tieghu.

Dan apparti l-punt li l-esponenti jhoss li huwa l-fus tal-prova sterna u indipendenti f'dan il-kaz kellu jemergi minn jekk kemm il-darba l-allegati telefonati effettivament sarux jew le u cioe' jekk gewx registrati li saru u dan baqa ma sarx.

Ghalhekk il-kredibbilita' ossia l-piz tal-prova f'dak li nghad minn mart l-esponenti kellu jigi mcekken. Dan aktar u aktar meta l-esponenti gie liberat mis-sitt akkuza fil-konfront tieghu.

b. Illi fit-tieni lok l-esponenti umilment jissottometti u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost li huw ma setghax jigi misjub ahati f'daqq sija that l-artikolu 251A(1)(2)(4) kif ukoll that l-artikolu 251B(1)(2) jew l-artikolu 251BA (1)(a)(b),(2),(3),(5) tal-Kodici Kriminali, Kaptiolu 9 tal-Ligijet ta' Malta u dan ghax il-fatti huma l-istess u l-artikolu 251B huwa l-aktar gravi u konsegwentement l-artikolu 251A u 251BA t-tnejn bis-sub-artikoli indikati huma hawn komprizi u nvoluti. L-esponenti umilment jissottometti li ma jistaghax jigi misjub hati tat-tlett reati meta l-

elementi kostituttivi taghhom huma l-istess u naxxenti mill-istess premessi. Iktar u iktar ghax bl-emendi li saru bl-att XXIV tal-2014 fejn gew ripetuti ulterjorment reati li kien hemm precedentement u hemm evidentement duplikazzjoni fihom. Ghalhekk l-esponenti umilment jissottometti li ma setgahx jigi misjub hati tal-artikoli indikati imma se mai ta' dak li huwa l-aktar gravi.

c. Illi fit-tielet lok u dan dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti umilment jissottometti li l-piena inflitta fil-konfront tieghu hija eccessiva. Dan qieghed jigi umilment sottomess l-ewwel ghax l-fatti specie tal-kaz huma verament pjetuzi u huma naxxenti mit-tragedja li ghaddiet il-familja minnhom wara l-omicidju ta' binhom fid-dar taghhom u t-tieni ghax skond l-artikoli li binhom huwa gie misjub hati l-massimu li setgha jigi kkundannat kien ta' sitt xhur mizjud bi grad titla ghal-disa' xhur u mhux ghall-hmistax il-xahar.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-appellanti ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi jidhirlu illi l-prosekuzzjoni ma lahhqitx l-grad tal-prova rikjesta fil-ligi ghal sejbien ta htija fil-kamp penali. Illi *in subsidium* l-appellanti jishaq illi ma setatx tinstab htija kemm tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251A kif ukoll dak taht l-artikolu 251B jew l-artikolu 251BA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-fatti kostituttivi huma l-istess fejn ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B huwa dak l-iktar gravi u allura l-ohrajn huma komprizi u involuti fl-istess. Fl-ahharnett jilmenta illi l-piena inflitta kienet wahda eccessiva tenut kont illi c-cirkostani tal-kaz huma naxxenti minn tragedji familjari oltre li l-piena erogata ma kenitx skont il-ligi.

Illi il-lanjanza ewlenija ta'l-appellanti, kif inghad, tikkoncerna l-apprezzament tal-provi u l-kredibbilita illi l-Ewwel Qorti ghogobha taghti lill-verzjoni tal-parti leza u mhux dik ta'l-appellanti. Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti

mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Affermat dan l-insenjament gurisprudenzjali fid-dawl tal-fatti u il-provi li jinsabu fl-atti processwali, huwa bil-wisq evidenti illi l-fattispecje ta' dan il-kaz jistriehu unikament fuq l-kredibbilita o meno tal-persuni li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti li kellha allura okkazzjoni tgharbel sew ix-xhieda taghhom billi setghet tosserva il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, haga li din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex ix-xorti li taghmel. Jidher illi r-retroxxena ta' dan il-kaz ghandu l-eghruq tieghu f'problemi matrimonjali bejn il-koppja Pace fejn dawn il-problemi komplew jaggravaw rwiehom mal-mewta tragika ta' binhom li sefa maqtul gewwa d-dar taghhom. Problemi familjari li jistghu iwasslu ghal tkissir ta' dak ir-rapport ta' fiducja ta' bejn koppja li diga tkun ghaddejja minn disgwid matrimonjali. Illi ghalkemm l-appellanti jichad kategorikament illi huwa hedded lil martu kemm il-darba permezz tat-*telephone* kif jinsab rappurtat, madanakollu huwa jigi imgiddeb mhux biss minn martu stess li hija vittma ta' persekuzzjoni persistenti u kontinwa

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

minn zewgha, izda ukoll ta' binthom Raisa li kienet xhud okulari ta' dawn l-incidenti, kif ukoll ta' certu Mark Portanier li mieghu l-appellanti kien jirrisjedi gewwa Wied il-Ghajn, liema xhud jishaq illi huwa kien jippermetti lill-appellanti juza it-telefon cellulari tieghu sabiex huwa icempel lil martu. Dan ix-xhud jafferma illi kien prezenti meta huwa sema lill-appellanti ihedded lil martu bil-mewt. Jidher illi fil-jum tragiku tal-qtil ta' iben il-ko-litigandi kellhom sahanistra ikunu l-pulizija li razznu lill-appellanti f'dan l-agir tieghu ta' agressjoni u theddid, tant allura illi din il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi dak li tafferma l-parti leza ghandu mis-sewwa. Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, diga kellha okkazzjoni titratta ma'l-appellanti fuq akkuzi simili fejn l-appellanti kien gie illiberat billi ma setax jigi stabbilit ness f'dik il-kawza bejn in-numri tat-*telephone* li kienu qed jintuzaw sabiex issir komunikazzjoni mal-parti leza u il-persuna ta'l-appellanti u dan ghaliex f'dak il-kaz ma giex ippruvat in-ness bejn l-appellanti u il-persuna bl-isem "Mark", li f'din il-kawza jirrizulta illi hija dan Mark Portanier li jafferma illi l-appellanti kif inghad kien juza it-telefon cellulari tieghu sabiex jikkomunika ma' martu[2]. Illi imbaghad mill-atti tirrizulta ix-xhieda ta' diversi ufficjali tal-pulizija lil investigaw ir-rapporti li saru mill-parti leza fil-konfront ta' zewgha u dan fuq medda ta' xahar. Minn hawn temergi l-imgieba persistenti ta'l-appellanti fil-konfront ta' martu fejn ghalkemm mitkellem diversi drabi mill-pulizija, huwa jibqa' jinjorhom u ikompli jikkomunika ma' martu. Premessi dawn il-fatti li jemergu mill-atti probatorji, allura, ma hemmx dubbju illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal sabiex taghti kredibbilita lill-parti leza u tiskarta l-verzjoni ta'l-appellanti.

Illi stabbilit ghalhekk illi l-fattispecje tal-kaz iwasslu ghar-reita ta'l-appellanti, il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni lanjanza minnu imressqa diretta lejn is-sentenza impunjata meta jishaq illi huwa ma setax jigi misjub hati tat-tlett reati ikkontemplati fl-artikoli 251A, 251B u 251BA tal-Kapitolu 9 billi l-elementi kostituttivi taghhom huma l-istess u allura kellha tigi erogata il-piena ghar-reat l-iktar gravi biz-zewg reati l-ohra ikunu komprizi u involuti fir-reat l-iktar gravi. Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

[2] Ara decizjoni Il-Pulizija vs John Pace deciza.fid-19 ta' novembru 2015

*"Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave."*

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

*' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."*

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[3]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

*"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.*

[3] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."***

Illi minn qari ta' dan l-aggravvju jidher illi l-appellanti qieghed isostni illi fil-kaz ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu hemm il-konkors formali tar-reat u dan ghaliex billi l-fatti huma unici u jammontaw ghall 'hekk imsejjah *course of conduct,* element essenzjali ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, fejn ripetutament jaghti fastidju lil martu, l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-piena ghar-reat l-iktar gravi.

Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat, kif jirrizulta manifestament fil-kaz in dizamina. Illi l-Att XXIV ta'l-2014 imbaghad introduca ir-reat tas-segwiment tal-persuna bil-mohbi intenzjonat jew sabiex jikkaguna biza f'dik il-persuna li ser tintuza xi vjolenza kontra taghha jew inkella sabiex tohloq alarm jew dwejjaq. Illi f'dan il-kaz il-ligi specifikatament tindika illi irid ikun hemm ta'l-inqas zewg okkazzjonijiet. Illi minn ezami akkurat maghmula mill-Ewwel Qorti ta' dawn it-tlett reati, johrog illi l-imgieba ta'l-appellanti kienet twassal ghal sejbien ta' htija ghal dawn it-tlett reati billi ghalkemm il-fattispecje huma unici izda l-appellanti sar hati tar-reat tal-fastidju, tal-biza mill-vjolenza u tal-insegwiment bil-mohbi akkompjant bil-biza tal-vjolenza. Kif gie deciz b'analogija mal-att ta'l-akkuza:

**"Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. … Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat**

**wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[4].

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati ta' fastidju stabbiliti fil-ligi. Kwindi stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti gie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-kaz kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jigi misjub hati tar-reat l-aktar gravi. Dan huwa rifless fil-piena erogata ta' hmistax-il xahar prigunerija meta jitiqes illi l-piena l-iktar gravi, u cioe' dik ikkontemplata fl-artikolu 251BA(5) tal-Kap.9 hija dik ta' prigunerija bejn disgha xhur u hames snin u kwindi indubbjament illi l-piena erogata hija wahda li tqarreb lejn il-minimu. Illi ghalhekk maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali lanqas l-ahhar aggravvju sollevat mill-appellanti ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[4] ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi – 11/01/1994 App.Sup